MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1358/2001/1

**Bank Of Valletta plc.**

**-vs-**

**Luciano Bianco Limited u Luciano u Connie mizzewgin Bonello Bianco.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-citazzjoni mressqa fid-19 ta' Lulju, 2001 , li bih is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fi tlett kuntratti datati 26 t' Awissu 1993, 22 ta' Dicembru, 1995 u 5 ta' Frar, 1998 in atti Nutar Dottor Mario Felice, (dok "A", "B" u

“C”), is-socjeta’ attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet “Loan u Overdaft Facilities” lis-socjeta’ konvenuta Luciano Bianco Limited;

Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tas-socjeta’ konvenuta Luciano Bianco Limited fl-ammond ta’ mija u ghoxrin elf, mija u wiehed u erbghin Liri Maltin u sitt centezmi (Lm120.141.06) bilanc ghad-debitu fil-“Loan and Overdraft Accounts” tas-socjeta’ konvenuta Luciano Bianco Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “D1” sa “D2” u Dok “E1” sa “E70”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’ April, 2001 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi bit-tlett kuntratti datati 26 t’ Awissu 1993, 22 ta’ Dicembru, 1995 u 5 ta’ Frar 1998 in atti Nutar Dottor Mario Felice, (Dok “A”, “B” u “C”), kif wkoll permezz ta’ zewg skritturi privati datati 26 t’ Awissu 1993 u 9 ta’ Frar 1998 (Dok “F” u Dok “G”), il-konvenuti Luciano u Connie mizzewgin Bonello Bianco iggarantew flimkien u “in solidum” mas-socjeta’ konvenuta Luciano Bianco Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti ta’ l-istess socjeta’ konvenuta Luciano Bianco Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

U illi l-konveuti gew interpellati permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati 16 ta’ Mejju, 2000 (dok “H” u “I”), sabiex jhallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Ghalhekk s-socjeta’ attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tikkundanna lis-socjeta’ Luciano Bianco Limited u Luciano u Connie mizzewgin Bonello Bianco jhallsu flimkien u “in solidum” bejnithom lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u ghoxrin elf, mija u wiehed u erbghin Liri Maltin u sitt centezmi (Lm120,141.06) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u

Overdraft Accounts” tas-socjeta’ konvenuta Luciano Bianco Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “D1 sa D3”

u Dok “E1 sa E70”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’ April, 2001 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri uficjali datati 16 ta’ Mejju, 2000 (Dok “H” u “I”) u tal-mandati ta’ qbid u sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi biha eccipew illi:

1. Fl-ewwel lok din il-kawza hija ntempestiva stante illi l-konvenuti ghamlu diversi tentattivi sabiex jiltaqghu mas-socjeta’ attrici bil-ghan li jigu rizolti l-pendenzi ta’ bejn il-kontendenti u tali inkontru ma sarx ghar-ragunijiet imputabbli unikament lis-socjeta’ attrici, u dana kif jista jigi ahjar ippruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza;

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-somma pretiza mis-socjeta’ attrici hija wahda kontstata mill-konvenuti stante illi hija wahda esagerata;

3. Illi sallum is-socjeta’ attrici qeghdha tikkalkulha l-imghax fuq bazi komposta u dan in vjolazzjoni tas-siposizzjonijiet tal-Kap.16 tal-Ligifieri ta’ Malta;

4. Illi s-socjeta’ attrici kalkolat l-imghaxijiet b’ rata ghola minn dik permessa mill-ligi invjolazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xhieda tal-konvenuti;

Rat in-nota li pprezentaw id-difensuri tal-partijiet fis-seduta ta' llum 27 t' Ottubru, 2003.

Tiddeciedi l-kawza billi **tilqa' t-talba attrici limitatament** ghall-ammont ta' sitta u tmenin elf, tlett mija u disa' u tletin Liri u wiehed u sittin centezmi (Lm86,339.61), bl-imghaxijiet legali mis-27 t' Ottubru, 2003 sal-jum tal-pagament effettiv.

**Tikkundanna lill-konvenuti** in solidum bejnithom jhallsu s-somma ta' sitta u tmenin elf, tlett mija u disa' u tletin Liri u wiehed u sittin centezmi (Lm86,339.61) bl-imghaxijiet legali fuq indikati kif wkoll jhallsu l-ispejjez gudizjarji kollha taghhom, kif wkoll l-ewwel elf u hames mitt lira (Lm1,500) mill-ispejjez tas-socjeta' attrici li ghandha thallas il-bilanc ta' l-ispejjez.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------